**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**DISTRETT QORMI**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Matthew Vassallo**

**Illum, 14 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Matthew Vassallo ta' 28 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija, bin-numru 432593M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

> *"…fix xhar ta Jannar 2021 u/jew fix-xhur ta qabel, f'dawn il-gzejjer F'dawn il-gzejjer*
>
> *1) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li tagħmel xi reat.*
> *2) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex tagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil Costantino Falzon biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, heddidt li takkuża jew tagħmel ilment kontra tiegħu, jew biex jimmalafama lill-istess Costantino Falzon, jew xi persuna oħra.*
> *3) Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamilt użu ieħor mhux xieraq bih.*

*4) Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Costantino Falzon.*

*Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Costantino Falzon skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali."*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenża;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti quddiemha.

Irriżulta li dan il-każ inbeda minħabba rapport li għamel Costantino Falzon, fejn irraporta li kien irċieva messaġġ mimli insulti fuq il-*Facebook Messenger* tiegħu, mingħand xi ħadd bi *profile* jismu 'Ricky Hardy'. Falzon iddikjara li huwa ma kienx jaf min hi din il-persuna u għalhekk inbdiet investigazzjoni mingħand Cyber Crime Unit. Dan ġie kkonfermat bil-ġurament minn Costantino Falzon quddiem din il-Qorti, fejn ippreżenta Dok CF2, li huwa proprju *image* tal-messaġġ li ġie indikat fl-affidavit ta' PS 1085.

Mill-affidavit ta' PS 1085 irriżulta, li PC 1275 kien kompla jagħmel stħarriġ, li minnu rriżulta li l-*IP address* ta' min kien bagħat il-messaġġ, kellu n-numru 92.251.77.203, u li minn iktar stħarriġ irriżulta, li dan kien klijent tal-Melita bl-isem ta' Matthew Vassallo. Stante li Matthew Vassallo kien eks impjegat ta' Costantino Falzon, inħarġu akkużi fir-rigward tiegħu, nonostante li skont ma' xehed fl-affidavit tiegħu PS 1085, Vassallo ċaħad li bagħat dak il-messaġġ, kif ukoll insista

li s-servizz tal-internet jintuża minn missieru u l-għarusa tiegħu. Mill-banda l-oħra, mill-affidavit tar-rappreżentant tal-Melita plc irriżulta, li l-*IP address* 92.251.77.203 ma kienx irreġistrat mal-Melita (fol 47). Dan l-affidavit da parti tal-Melita ma jikkombaċax mal-kontenut tal-affidavit ta' PS 1275 Matthew Savvo, li spjega kif l-istħarriġ tiegħu wassal biex jiġi identifikat li *IP address* 92.251.77.203 kien utilizzat mis-sistema tal-Melita, li kienet intestata fuq *account holder* Matthew Vassallo (vide fol 68, b'mod partikolari li huwa uffiċjal maħruġ mill-Melita li jikkontradixxi l-kontenut tal-affidavit tal-Melita a fol 47).

Id-difiża ressqet provi mill-Uffiċċju Elettorali, li fl-indirizz li kien abbinat ma' dak l-*IP address,* kien hemm diversi persuni oħra li jabitaw, apparti Matthew Vassallo (vide xhieda ta' Savio Borg a fol 73 et seq). In oltre, waqt il-kontroeżami ta' PS 1275 irriżulta, li mal-*IP address* partikolari, jista' jkun hemm diversi *devices* li jkunu mqabbdin miegħu, u li mill-istħarriġ li sar f'dan il-każ, ma ġiex miltub li jkun hemm aċċess għal modem sabiex jiġi stabbilit x'*devices* kien hemm *connected* ma' mal-modem f'ċertu ħinijiet partikolari. Iċċara wkoll li jekk *Facebook* tħalla miftuħ b'internet connection u ntuża minn persuna oħra u mhux l-*account holder*, dan ma setax jiġi stabbilit mill-istħarriġ li sar f'dan il-każ odjern.

Fl-isfond ta' dan kollu, din il-Qorti għarblet il-provi mressqa, iżda ma tqisx li l-imputazzjonijiet ġew ippruvati lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. Dana peress li quddiemha, ma għandhiex provi sufficjenti li kien proprju l-imputat li kiteb dak il-messaġġ li dwaru sar ir-rapport.

**Għaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli kollha relevanti, u ċioè l-Artikoli 49(a), (b) u (c) tal-Kap 399, kif ukoll l-Artikolu 339(1)( e) u Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux qed issib ħtija fl-imputat, u qed tilliberah minn kull kundanna u ħtija.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**